Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-24 t'Ottubru 2024**

**Kump. Nru. 324/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Shaun Friggieri)**

**Versus**

**Kaysinith Farrugia**
**(451488M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Kaysinith Farrugia** ta' 35 sena, u detentur tal-karta tal-identita' 451488M.

Akkuzat talli bejn Frar 2019 u April 2023 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda :

1. Iffalsifika cedula, polza, ordni jew dokumenti ohra illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern;

2. U aktar talli xjentement ghamel uzu minn wahda mill-karti ffalsifikati msemmijin fl-artikoli 166, 167 u 168 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew

helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

4. U aktar talli xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli 183 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

6. U aktar talli sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

7. U aktar talli b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000) bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra;

8. U aktar talli bi hsara tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra, ghamel qligh iehor b'qerq ta' aktar minn hamest elef Ewro (€5,000).

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghet lis-Sur Raymond Chetcuti ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jikkonferma li l-ammont dovut qed jigi mhallas lura mill-imputat b'mitt Euro (€ 100) fix-xahar, stante li l-imputat iffirma agreement mad-Dipartiment.

Rat illi l-imputat fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa hati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Ikkunsidrat ulterjorment**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 18, 31, 167, 169, 183, 184, 185, 188(1)(2), 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat **Kaysinith Farrugia hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontrih** u qed tikkundannah ghal piena ta' **sentejn (2) prigunerija**, illi b'applikazzjoni ta' l-**Artikolu 28A tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu **sospizi ghal perjodu ta' tlett (3) snin**.

Kif ukoll ai termini tal-**Artikolu 28H(1)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati **Kaysinith Farrugia** jirrestitwixxi lid-**Dipartiment tas-Sigurta Socjali, il-Gvern ta' Malta u/jew entitajiet ohra l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf, seba' mija hamsa u ghoxrin Euro u sitta u tmenin centezmu (€ 24,725.86) u dan skond l-arrangament li gie ffirmat bejn il-partijiet.**

Il-Qorti spjegat lil hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Illi rigward it-talba **ai termini ta' l-Artikolu 533** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat fil-kaz odjern.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**